



Brussell, 3 ta' Ġunju 2021  
(OR. en)

8463/1/21  
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2021/0101(NLE)**

**CCG 28**  
**UK 135**  
**AVIATION 112**

**NOTA PUNT "I/A"**

|                |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
|----------------|-------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:          | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
| lil:           | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 195 final                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| Suġġett:       | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kredit ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u l-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Kredit ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("FSIA") fir-rigward tat-talbiet mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fihom<br>- Adozzjoni |

1. Fil-21 ta' April 2021, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill "Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu f'isem l-Unjoni Ewropea permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kredit ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u l-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Kredit ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("FSIA") fir-rigward tat-talbiet mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fihom"<sup>1</sup>. Din il-proposta hija bbażata fuq l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) TFUE flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.
2. F'ittra tat-28 ta' Jannar 2021, ir-Renju Unit talab li l-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali tal-Inġenji tal-Ajru (FSIA) jaqblu li r-Renju Unit isir Parteċipant fl-Arranġament u fil-FSIA, rispettivament. Il-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA għandhom jiddeċiedu permezz ta' proċedura bil-miktub dwar dawn it-talbiet.

<sup>1</sup> dok 8031/21

3. Il-proposta tal-Kummissjoni għandha l-għan li tiddetermina l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Parteċipanti fl-Arranġament u l-Parteċipanti fil-FSIA dwar dawn it-talbiet.
4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit (WPUK) eżamina l-proposta fil-laqgħa tiegħu tat-22 ta' April 2021 u ma kellu l-ebda oġġezzjoni għaliha.
5. Wara kummenti fil-Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ġie rivedut f'kompromess tal-Presidenza<sup>2</sup>.
6. Fin-nuqqas ta' laqgħa tal-Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni minħabba r-restrizzjonijiet attwali fuq l-ivvjaġġar, id-delegati skambjaw il-pożizzjonijiet tagħhom bil-miktub dwar il-kompromess tal-Presidenza għal Deċiżjoni tal-Kunsill<sup>3</sup> u laħqu qbil dwaru fil-11 ta' Mejju 2021.
7. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Renju Unit (WPUK) ħa nota, fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Mejju 2021, tal-ftehim milħuq mill-Grupp dwar Krediti għall-Esportazzjoni fil-11 ta' Mejju 2021.
8. Għaldaqstant, huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss,
  - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjonijiet li għandhom jittieħdu fisem l-Unjoni Ewropea permezz ta' proċedura bil-miktub mill-Parteċipanti fl-Arranġament dwar il-Kredit ta' Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati u l-Parteċipanti fil-Ftehim Settorjali dwar il-Kredit ta' Esportazzjoni għall-Inġenji tal-Ajru Ċivili ("FSIA") fir-rigward tat-talbiet mir-Renju Unit biex isir Parteċipant fihom, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, kif tinsab fid-dokument 8354/21<sup>4</sup>;
  - idaħħal fil-minuti tal-Kunsill id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni<sup>5</sup> li tinsab fid-dokument 8463/1/21 REV 1 ADD 1;
  - jgħarraf lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tal-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218 (10) TFUE.

---

<sup>2</sup> WK 5756/2021 INIT

<sup>3</sup> WK 5756/2021 INIT

<sup>4</sup> dokument li għad irid jinħareġ

<sup>5</sup> li ddaħħlet ukoll fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) tat-2-4 ta' Ġunju 2021